

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-5 ta' Frar 2019 – Mema vs CPVO (Braeburn 78 (11078))

(Kawża T-177/16)⁽¹⁾

("Varjetajiet ta' pjanti — Applikazzjoni għal drittijiet Komunitarji ta' varjetajiet ta' pjanti għall-varjetà ta' pjanti Braeburn 78 (11078) — Ħatra ta' ufficċċju ta' eżami ieħor — Portata tal-eżami li għandu jitwettaq mill-Bord tal-Appell — Obbligu ta' motivazzjoni")

(2019/C 103/27)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Mema GmbH LG (Terlan, l-Italja) (rappreżentanti: B. Breitinger u S. Kirschstein-Freund, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (rappreżentanti: M. Ekvad, F. Mattina, O. Lamberti u U. Braun-Mlodecka, aġġenti, assistiti minn A. von Mühlendahl u H. Hartwig, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżzentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell taċ-CPVO tal-15 ta' Diċembru 2015 (Każ A 001/2015), dwar applikazzjoni għal għoti ta' drittijiet Komunitarji ta' varjetajiet ta' pjanti għall-varjetà ta' pjanti Braeburn 78, hija annullata.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) tal-15 ta' Diċembru 2015 (Każ A 001/2015), li tikkonċerha applikazzjoni għal għoti ta' drittijiet Komunitarji ta' varjetajiet ta' pjanti għall-varjetà ta' pjanti Braeburn 78, hija annullata.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud
- 3) Iċ-CPVO huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 211, 13.6.2016.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-7 ta' Frar 2019 – Arango Jaramillo et vs BEI

(Kawża T-487/16)⁽¹⁾

("Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Pensjonijiet — Riforma tal-2008 — Żieda fir-rata ta' kontribuzzjonijiet — Dikjarazzjonijiet sussegwenti tas-salarju — Assenza ta' att li jikkawża preġudizzju — Inammissibbiltà")

(2019/C 103/28)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Oscar Orlando Arango Jaramillo (il-Lussemburgu, il-Lussemburgu), u t-33 rikorrent ieħor li isimhom jidher fl-anness tas-sentenza (rappreżentanti: B. Cortese, C. Cortese u F. Spitaleri, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: inizjalment C. Gómez de la Cruz, T. Gilliams u G. Nuvoli, sussegwentement T. Gilliams, G. Faedo u J. Klein, aġġenti, assistiti minn P.-E. Partsch)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u l-Artikolu 50a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjonijiet” tal-BEI, li jinsabu fid-dikjarazzjonijiet tas-salarju tar-rikorrenti għal Frar 2011, li r-rata tal-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-iskema tal-Pensjonijiet tiżdied minn 9 % għal 10 % u, min-naħħa l-oħra, sabiex il-BEI jiġi kkundannat īħallas Ewro simboliku, bħala kumpens għad-dannu morali li r-rikorrenti allegatament sofrew.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud għaliex inammissibbli.
- 2) Oscar Orlando Arango Jaramillo u l-membri l-oħra tal-persunal tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) li isimhom jidher fl-anness għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħhom, dawk sostnati mill-BEI.

⁽¹⁾ ĠU C 211, 16.7.2011 (Kawża inizjalment irregistrazione quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-58/11 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Frar 2019 – RK vs Il-Kunsill

(Kawża T-11/17) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Ufficijali — Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal — Ħruġ fuq leave fl-interess tas-servizz — Ugwaljanza fit-trattament — Projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Dritt għal smiġ — Dritt ta’ premura — Responsabbiltà”)

(2019/C 103/29)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: RK (rappreżentanti: inizjalment L. Levi u A. Tymen, sussegwentement L. Levi, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u R. Meyer, aġenti)

Intervenient insostenn tal-kovenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: A. Troupiotis u J. A. Steele, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni mhux datata tal-Kunsill dwar ħruġ fuq leave tar-rikorrenti fl-interess tas-servizz abbażi tal-Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u, skont il-bżonn, tad-deċiżjoni tas-27 ta’ Settembru 2016 li tiċħad l-ilment ippreżentat mir-rikorrenti u, min-naħħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li allegatament ġarrbet ir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) RK għandha tbat 80 % tal-ispejjeż rispettivi tagħha.